

Emenda 11

Tom Vandenkendelaere, Jeroen Lenaers
fisem il-Grupp PPE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni**B9-0272/2021**

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Il-protezzjoni adegwata tad-data personali mir-Renju Unit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2*Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

2. ***Jilqa' l-impenn*** tar-Renju Unit li jirrispetta d-demokrazija u l-istat tad-dritt, u li jipproteġi u jagħti effett domestiku lid-drittijiet fundamentali bħal dawk stabbiliti fil-KEDB, inklużi livelli għoljin ta' protezzjoni tad-data; ifakkar li din hija prekundizzjoni meħtieġa għall-kooperazzjoni tal-UE mar-Renju Unit; ***ifakkar li minkejja l-Artikolu 8 tal-KEDB dwar id-dritt għall-privatezza li huwa parti mil-liġi domestika tar-Renju Unit permezz tal-Att dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tal-1998 u l-liġi komuni permezz tad-dannu l-ġdid tal-użu ħażin tal-informazzjoni dwar il-privatezza, l-isforzi biex jiġi inkluż dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-data ġew irrifjutati mill-gvern;***

2. ***Jieħu nota tal-impenn*** tar-Renju Unit li jirrispetta d-demokrazija u l-istat tad-dritt, u li jipproteġi u jagħti effett domestiku lid-drittijiet fundamentali bħal dawk stabbiliti fil-KEDB, inklużi livelli għoljin ta' protezzjoni tad-data; ifakkar li din hija prekundizzjoni meħtieġa għall-kooperazzjoni tal-UE mar-Renju Unit;

Or. en

17.5.2021

B9-0272/12

Emenda 12

Tom Vandenkendelaere, Jeroen Lenaers
fisem il-Grupp PPE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Il-protezzjoni adegwata tad-data personali mir-Renju Unit

B9-0272/2021

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

2a. Ifakkar fil-valutazzjoni tal-EDPB, li tirrikonoxxi li r-Renju Unit irrifletta, fil-parti l-kbira tiegħu, il-GDPR fil-qafas tal-protezzjoni tad-data tiegħu, u li l-EDPB identifika ħafna aspetti bħala essenzjalment ekwivalenti; jaqbel mal-fehma tal-EDPB li l-Kummissjoni għandha tivvaluta b'mod kostanti l-impatt possibbli ta' restrizzjonijiet relatati mal-livell ta' protezzjoni tad-data personali u li tiegħu miżuri meta jkun meħtieġ;

Or. en

Emenda 13

Tom Vandenkendelaere, Jeroen Lenaers
f'isem il-Grupp PPE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni**B9-0272/2021**

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Il-protezzjoni adegwata tad-data personali mir-Renju Unit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Paragrafu 3***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

3. Jindika li l-UE għażlet approċċ iċċentrat fuq id-drittijiet tal-bniedem għall-governanza tad-data fl-iżvilupp ta' regoli sodi dwar il-protezzjoni tad-data skont il-GDPR, u **għalhekk huwa mħasseb serjament dwar id-dikjarazzjonijiet pubbliċi mill-Prim** Ministru tar-Renju Unit li **jiddikjaraw** li r-Renju Unit se **jfittex** li jiddevja mir-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data u jistabbilixxi l-kontrolli "sovrani" tiegħu stess f'dan il-qasam; iqis li l-istrateġija nazzjonali dwar id-data tar-Renju Unit tal-2020 tirrappreżenta bidla mill-protezzjoni tad-data personali lejn użu usa' u kondiviżjoni tad-data li **hija inkompatibbli mal-prinċipji** tal-ġustizzja, il-minimizzazzjoni tad-data u l-limitazzjoni tal-iskop **skont il-GDPR**; jinnota li fl-opinjoni tiegħu dwar l-adeqwatezza, l-EDPB enfasizza li dan jista' jwassal għal riskji possibbli fir-rigward tal-protezzjoni tad-data personali ttrasferita mill-UE;

3. Jindika li l-UE għażlet approċċ iċċentrat fuq id-drittijiet tal-bniedem għall-governanza tad-data fl-iżvilupp ta' regoli sodi dwar il-protezzjoni tad-data skont il-GDPR, u **jieħu nota tad-dikjarazzjonijiet pubbliċi tal-Prim** Ministru tar-Renju Unit li **jaffer maw** li r-Renju Unit se **jimmira** li jiddevja mir-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data u jistabbilixxi l-kontrolli "sovrani" tiegħu stess f'dan il-qasam; **jisħaq, madankollu, li s'issa ma ttieħdet l-ebda azzjoni leġiżlattiva fuq il-bażi ta' dawn id-dikjarazzjonijiet politiċi**; iqis li l-istrateġija nazzjonali dwar id-data tar-Renju Unit tal-2020 tirrappreżenta bidla mill-protezzjoni tad-data personali lejn użu usa' u kondiviżjoni tad-data li **jista' jkollha impatt fuq il-prinċipji** tal-ġustizzja, il-minimizzazzjoni tad-data u l-limitazzjoni tal-iskop **stabbilit fil-GDPR u rifless fil-GDPR tar-Renju Unit, anki jekk dan jimmira li jżomm l-istandards għoljin ta' protezzjoni tad-data; jinnota li l-istrateġija tenfasizza l-impenn tar-Renju Unit li jikseb deċiżjoni ta' adegwatezza mill-UE u li jiżgura li l-fluss liberu tad-data bejn is-sħab globali u r-Renju Unit ikun protett kif xieraq**; jinnota li fl-opinjoni tiegħu dwar l-adeqwatezza, l-EDPB enfasizza li dan jista' jwassal għal riskji possibbli fir-rigward tal-protezzjoni tad-data personali ttrasferita mill-UE; **jistieden lill-Kummissjoni, għaldaqstant, timmonitorja**

*mill-qrib kwalunkwe azzjoni ulterjuri li
jieħu r-Renju Unit f'dan ir-rigward;*

Or. en

Emenda 14

Tom Vandenkendelaere, Jeroen Lenaers
f'isem il-Grupp PPE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni**B9-0272/2021**

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Il-protezzjoni adegwata tad-data personali mir-Renju Unit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Paragrafu 5***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

5. Jindika li ***l-valutazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni*** qabel ma ppreżentat l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tagħha ***ma kinitx kompluta u kienet inkonsistenti*** mar-rekwiżiti tal-QĠUE għall-valutazzjonijiet tal-adeqwatezza, ***u dan ġie enfasizzat mill-EDPB*** fl-opinjonijiet tiegħu dwar l-adeqwatezza, ***fejn jagħti*** parir lill-Kummissjoni biex tkompli tivvaluta aspetti speċifiċi tal-liġi u l-prattika tar-Renju Unit relatati mal-ġbir fuq skala kbira, l-iżvelar barra mill-pajjiż u ftehimiet internazzjonali fil-qasam tal-kondiviżjoni tal-intelligence, użu addizzjonali tal-informazzjoni miġbura għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi u l-indipendenza tal-kummissarji ġudizzjarji;

5. Jindika li ***l-Kummissjoni wettqet valutazzjoni approfondita*** qabel ma ppreżentat l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tagħha ***bi qbil*** mar-rekwiżiti tal-QĠUE għall-valutazzjonijiet tal-adeqwatezza; ***ifakkar li l-EDPB***, fl-opinjonijiet tiegħu dwar l-adeqwatezza, ***ta*** parir lill-Kummissjoni tkompli tivvaluta aspetti speċifiċi tal-liġi u tal-prattika tar-Renju Unit relatati mal-ġbir fuq skala kbira, l-iżvelar barra mill-pajjiż u ftehimiet internazzjonali fil-qasam tal-kondiviżjoni tal-intelligence, użu addizzjonali tal-informazzjoni miġbura għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi u l-indipendenza tal-kummissarji ġudizzjarji;

Or. en

Emenda 15

Tom Vandenkendelaere, Jeroen Lenaers
f'isem il-Grupp PPE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

B9-0272/2021

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Il-protezzjoni adegwata tad-data personali mir-Renju Unit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Paragrafu 6***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

6. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar *in-nuqqas ta' infurzar u xi drabi ineżistenti tal-GDPR mir-Renju Unit* meta kien għadu membru tal-UE; *jindika, b'mod partikolari, in-nuqqas ta' infurzar xieraq mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Infurmazzjoni (ICO) tar-Renju Unit fil-passat; jiġbed l-attenzjoni għall-eżempju tal-għeluq ta' lment mill-ICO dwar teknoloġija tar-reklamar (ad tech) wara li organizza żewġ avvenimenti mal-partijiet interessati, kiteb rapport (ir-"Rapport ta' Aġġornament dwar it-Teknoloġija tar-Reklamar") u ddikjara li "l-industrija tat-teknoloġija tar-reklamar tidher immatura fil-fehim tagħha tar-reqwiżiti tal-protezzjoni tad-data", mingħajr ma uża l-ebda setgħa ta' infurzar tiegħu¹⁷; huwa mħasseb dwar il-fatt li n-nuqqas ta' infurzar huwa problema strutturali, kif stabbilit fil-politika ta' azzjoni regolatorja tal-ICO, li tiddikjara b'mod espliċitu li "fil-maġġoranza tal-każijiet aħna se nirriżervaw is-setgħat tagħna għall-aktar każijiet serji, li jirrappreżentaw l-aktar każijiet ta' ksur serji tal-obbligi tad-drittijiet tal-infurmazzjoni. Dawn jinvolvu tipikament atti volontarji, intenzjonati jew negliġenti, jew ksur ripetut ta' obbligi tad-drittijiet tal-infurmazzjoni, li jikkawżaw dannu jew ħsara lill-individwi"; jissottolinja li fil-prattika, dan ifisser li għalhekk, għadd kbir ta' każijiet ta' ksur*

6. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar *l-infurzar ġeneralment insuffiċjenti tal-GDPR min-naħa ta' ċerti Stati Membri, inkluż ir-Renju Unit* meta kien għadu membru tal-UE; *ifakkar, madankollu, fil-valutazzjoni tal-EDPB dwar l-eżistenza u l-funzjonament effettiv ta' awtorità superviżorja indipendenti fir-Renju Unit; jissottolinja li l-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Infurmazzjoni (ICO) tar-Renju Unit huwa awtorità għall-protezzjoni tad-data mgħammra tajjeb u attiva li diġà kellha setgħat ta' infurzar qabel ma ġie stabbilit il-GDPR u imponiet multi sinifikanti fl-ambitu tal-GDPR meta r-Renju Unit kien għadu membru tal-UE; jindika l-importanza ta' infurzar xieraq min-naħa tal-ICO u jenfasizza li r-Renju Unit għandu jiżgura li l-ICO jżomm livell għoli ta' għarfien espert u riżorsi sabiex ikun jista' jinforza kif xieraq il-qafas tal-protezzjoni tad-data tar-Renju Unit;*

tal-liġi dwar il-protezzjoni tad-data fir-Renju Unit ma ġewx rimedjati;

¹⁷ Lomas, N., UK's ICO faces legal action after closing adtech complaint with nothing to show for it, TechCrunch, San Francisco, 2020.

Or. en

17.5.2021

B9-0272/16

Emenda 16

Tom Vandenkendelaere, Jeroen Lenaers
fisem il-Grupp PPE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

B9-0272/2021

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Il-protezzjoni adegwata tad-data personali mir-Renju Unit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

7. ***Jieħu nota tal-istrateġija nazzjonali dwar id-data tar-Renju Unit, kif aġġornata fid-9 ta'Diċembru 2020, li tissuġġerixxi li se jkun hemm bidla mill-protezzjoni tad-data personali lejn użu u kondiviżjoni tad-data akbar u usa'; jindika li pożizzjoni li "iż-żamma tad-data jista' jkollha impatt negattiv fuq is-soċjetà", kif indikat fl-istrateġija, mhijiex kompatibbli mal-prinċipji tal-minimizzazzjoni tad-data u l-limitazzjoni tal-iskop skont il-GDPR u l-liġi primarja;***

7. ***Jinnota li l-istrateġija nazzjonali tad-data tal-2020 tenfasizza l-impenn tar-Renju Unit li jikseb deċiżjoni ta' adegwatezza mill-UE u li jiżgura li l-fluss liberu tad-data lejn u mir-Renju Unit ikun protett kif xieraq; jissottolinja l-importanza li tiġi mmonitorjata kwalunkwe bidla leġiżlattiva bbażata fuq l-istrateġija u li tiġi vvalutata l-kompatibbiltà tagħhom mal-GDPR;***

Or. en

Emenda 17

Tom Vandenkendelaere, Jeroen Lenaers
f'isem il-Grupp PPE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni**B9-0272/2021**

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Il-protezzjoni adegwata tad-data personali mir-Renju Unit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Paragrafu 9***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

9. ***Huwa mħasseb dwar il-fatt li l-immigrazzjoni tar-Renju Unit tuża sistema li twettaq ipproċessar tad-data fuq skala kbira biex tiddeċiedi dwar id-dritt ta' persuna li tibqa' fil-pajjiż; jinnota*** li l-liġi tar-Renju Unit dwar il-protezzjoni tad-data fiha deroga ***wiesgħa*** minn aspetti tad-drittijiet u l-prinċipji fundamentali dwar il-protezzjoni tad-data, bħad-dritt ta' aċċess u d-dritt ta' suġġett tad-data li jkun jaf ma' min tkun ġiet kondiviża d-data tiegħu, jekk tali protezzjoni "tippreġudika l-kontroll effettiv tal-immigrazzjoni"²⁰; ***jindika li din l-eżenzjoni hija disponibbli għall-kontrolluri kollha tad-data fir-Renju Unit, inklużi l-awtoritajiet lokali, il-fornituri tas-saħħa u l-kuntratturi privati involuti fis-sistema tal-immigrazzjoni; huwa mħasseb dwar l-informazzjoni żvelata reċentement li l-eżenzjoni tal-immigrazzjoni ntużat f'aktar minn 70 % tat-talbiet tas-suġġetti tad-data lill-Uffiċċju tal-Intern fl-2020²¹; jissottolinja*** li l-monitoraġġ u l-konformità tal-użu tal-eżenzjoni jridu jitwettqu f'konformità mal-istandards meħtieġa fir-referenzjal tal-adeqwatezza li jirrikjedu kunsiderazzjoni tal-prattika kif ukoll il-prinċipju billi jiġi indikat li "huwa meħtieġ li jitqies mhux biss il-kontenut tar-regoli applikabbli għad-data personali trasferita lil pajjiż terz ... iżda wkoll is-sistema fis-seħħ biex tiġi żgurata l-effettività ta' dawn ir-regoli";

9. ***Jinnota*** li l-liġi tar-Renju Unit dwar il-protezzjoni tad-data fiha deroga minn ***ċerti*** aspetti tad-drittijiet u l-prinċipji fundamentali dwar il-protezzjoni tad-data, bħad-dritt ta' aċċess u d-dritt ta' suġġett tad-data li jkun jaf ma' min tkun ġiet kondiviża d-data tiegħu, jekk tali protezzjoni "tippreġudika l-kontroll effettiv tal-immigrazzjoni"²⁰; jissottolinja li l-monitoraġġ u l-konformità tal-użu tal-eżenzjoni jridu jitwettqu f'konformità mal-istandards meħtieġa fir-referenzjal tal-adeqwatezza li jirrikjedu kunsiderazzjoni tal-prattika kif ukoll il-prinċipju billi jiġi indikat li "huwa meħtieġ li jitqies mhux biss il-kontenut tar-regoli applikabbli għad-data personali trasferita lil pajjiż terz ... iżda wkoll is-sistema fis-seħħ biex tiġi żgurata l-effettività ta' dawn ir-regoli"; ***jirrikonoxxi*** li din ***l-eżenzjoni, li hija disponibbli għall-kontrolluri kollha tad-data fir-Renju Unit, ġiet approvata mill-ICO u minn qorti, u tista' tiġi invokata biss fuq bażi ta' każ b'każ u applikata b'mod meħtieġ u proporzjonat; ifakkar fl-informazzjoni li ġiet żvelata dan l-aħħar skont liema saru 17 780 talba għall-aċċess fir-rigward ta' data pproċessata mill-Home Office (Ministeru tal-Intern) bejn l-1 ta' April 2018 u l-31 ta' Marzu 2019 li jikkonċernaw 146,75 miljun suġġett tad-data u li l-eżenzjoni mill-immigrazzjoni ntużat f'aktar minn 70 % tat-talbiet tas-***

jisħaq li din id-deroga ma kinitx konformi mal-GDPR meta r-Renju Unit kien għadu Stat Membru, u għet injorata mill-Kummissjoni fir-rwol tagħha bħala Gwardjan tat-Trattati; jissottolinja li l-EDPB ikkonkluda fl-opinjonijiet tiegħu li huma meħtieġa aktar kjarifiki dwar l-applikazzjoni tal-eżenzjoni tal-immigrazzjoni;

²⁰ *Skeda 2 tal-Att dwar il-Protezzjoni tad-Data 2018.*

²¹ Stqarrija għall-istampa tal-Open Rights Group tat-3 ta' Marzu 2021 intitolata "Documents reveal controversial Immigration Exemption used in 70 % of aċċess requests to Home Office" (Id-dokumenti jiżvelaw Eżenzjoni tal-Immigrazzjoni kontroversjali użata f'70 % tat-talbiet għall-aċċess indirizzati lill-Uffiċċju tal-Intern).

suġġetti tad-data lill-Home Office fl-2020²¹; jisħaq li anke f'dawk il-każijiet li fihom il-Home Office għamel użu mid-deroga, l-aċċess għall-informazzjoni ma kienx totalment miċħud iżda ristrett għal dokumenti li ġew redatti;

²¹ Stqarrija għall-istampa tal-Open Rights Group tat-3 ta' Marzu 2021 intitolata "Documents reveal controversial Immigration Exemption used in 70 % of aċċess requests to Home Office" (Id-dokumenti jiżvelaw Eżenzjoni tal-Immigrazzjoni kontroversjali użata f'70 % tat-talbiet għall-aċċess indirizzati lill-Uffiċċju tal-Intern).

Or. en

17.5.2021

B9-0272/18

Emenda 18

Tom Vandenkendelaere, Jeroen Lenaers
fisem il-Grupp PPE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

B9-0272/2021

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Il-protezzjoni adegwata tad-data personali mir-Renju Unit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

10. Jinnota li din l-eżenzjoni issa **tapplika għaċ-ċittadini** tal-UE li jirrisjedu jew li qed jippjanaw li jirrisjedu fir-Renju Unit; **huwa mħasseb ħafna li l-eżenzjoni tneħħi** l-opportunitajiet ewlenin għall-obbligu ta' rendikont u r-rimedji, u **jissottolinja li dan mhuwiex livell adegwat ta' protezzjoni**;

10. Jinnota li din l-eżenzjoni, **li tista' tiġi kkontestata quddiem l-ICO u l-qradi tar-Renju Unit, tista' issa tiġi invokata fir-rigward ta' ċittadini** tal-UE li jirrisjedu jew li qed jippjanaw li jirrisjedu fir-Renju Unit; **jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib l-applikazzjoni ta' din l-eżenzjoni biex tiżgura li ma tneħħix** l-opportunitajiet ewlenin għall-obbligu ta' rendikont u r-rimedji u **biex din ma tagħmilx il-livell ta' protezzjoni inadegwat; jistieden lill-Kummissjoni titlob li jiġu stabbiliti salvagwardji sabiex iċ-ċittadini tal-UE jiġu protetti mill-użu possibbli ta' din l-eżenzjoni fil-futur u biex jiġiharsu d-drittijiet u r-rimedji li jgawdu ċ-ċittadini tal-UE skont il-GDPR;**

Or. en

17.5.2021

B9-0272/19

Emenda 19

Tom Vandenkendelaere, Jeroen Lenaers
f'isem il-Grupp PPE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

B9-0272/2021

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Il-protezzjoni adegwata tad-data personali mir-Renju Unit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

12. Ifakkar fir-rivelazzjonijiet tas-sorveljanza tal-massa mill-Istati Uniti u mir-Renju Unit, kif żvelati mill-informatur Edward Snowden; ifakkar li ***l-programm tar-Renju Unit "Tempora" immexxi mill-Kwartieri Ġenerali tal-Komunikazzjonijiet tal-Gvern (GCHQ) jinterċetta komunikazzjonijiet f'ħin reali permezz ta' kejbils ewlenin tal-internet tal-fibra ottika, u jirreġistra d-data sabiex tkun tista' tiġi pproċessata u analizzata aktar tard; ifakkar li din is-sorveljanza tal-massa tal-kontenut tal-komunikazzjonijiet u l-metadata sseħħ irrISPettivament minn jekk hemmx xi suspett speċifiku jew xi data mmirata;***

12. Ifakkar fir-rivelazzjonijiet tas-sorveljanza tal-massa mill-Istati Uniti u mir-Renju Unit, kif żvelati mill-informatur Edward Snowden; ifakkar li ***fl-2018 il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem iddeċidiet li kienu illegali l-programmi ta' interċettazzjoni u żamma ta' data tal-massa tar-Renju Unit, inkluż il-programm "Tempora" mmexxi mill-Kwartieri Ġenerali tal-Komunikazzjonijiet tal-Gvern (GCHQ), u użat biex jiġu interċettati komunikazzjonijiet f'ħin reali u biex tiġi rreġistrata d-data sabiex tkun tista' tiġi pproċessata u mfittxija aktar tard;***

Or. en

Emenda 20

Tom Vandenkendelaere, Jeroen Lenaers
f'isem il-Grupp PPE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni**B9-0272/2021**

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Il-protezzjoni adegwata tad-data personali mir-Renju Unit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Paragrafu 14***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

14. Ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Marzu 2014, li sabet li l-programmi ta' sorveljanza tal-massa indiskriminati u mhux ibbażati fuq suspetti mwettqa mill-aġenzija tal-intelligence tar-Renju Unit, GCHQ, huma inkompatibbli mal-prinċipji tan-neċessità u tal-proporzjonalità f'soċjetà demokratika u mhumiex adegwati skont il-liġi tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data;

14. Ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Marzu 2014, li sabet li l-programmi ta' sorveljanza tal-massa indiskriminati u mhux ibbażati fuq suspetti mwettqa mill-aġenzija tal-intelligence tar-Renju Unit, GCHQ, huma inkompatibbli mal-prinċipji tan-neċessità u tal-proporzjonalità f'soċjetà demokratika u mhumiex adegwati skont il-liġi tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data; ***jirrikonoxxi li minn dak iż-żmien ir-Renju Unit irrifirma b'mod sinifikanti l-liġijiet ta' sorveljanza tiegħu u introduċa salvagwardji li jmorru lil hinn mill-kundizzjonijiet definiti mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) fis-sentenza tagħha "Schrems II"^{1a} u s-salvagwardji previsti fil-liġijiet ta' sorveljanza tal-biċċa l-kbira tal-Istati Membri; jilqa' b'mod partikolari l-għoti ta' aċċess sħiħ għal rimedju ġudizzjarju effettiv; ifakkar li r-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar id-Dritt għall-Privatezza laqa' s-salvagwardji b'saħħithom introdotti bl-Att dwar is-Setgħat Investigattivi (IPA) tal-2016 f'termini ta' neċessità, proporzjonalità u awtorizzazzjoni indipendenti minn korp ġudizzjarju;***

^{1a} *Is-Sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, Il-Kummissarju tal-Protezzjoni tad-Data vs Facebook Ireland Limited u Maximillian*

*Schrems, , C-311/18,
ECLI:EU:C:2020:559.*

Or. en